# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Frar, 2001**

**Numru 20**

**Cit. Nru. 34/93 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. U din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmelo Gauci Limited**

**vs**

**David L. Jones u Alfred J. Pollacco bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited agenti Malta ta' Valship S.A. armaturi/proprjetarji tal-vapur Aldo u in rapprezentanza ta' l-istess, u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited**

## L-Att tac-Citazzjoni

Is-socjeta' assiguratrici attrici ipprocediet kontra s-socjetajiet konvenuti ghar-rizarciment ta' danni minnha mhallsa lill-assigurat taghha Carmelo Gauci Ltd., konsistenti f'nuqqasijiet u hsarat f'merkanzija mportata Malta fuq il-vapur Aldo. L-attur nomine ippremetta is-segwenti:-

> "Premess li s-socjeta' Carmelo Gauci Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Aldo" six pallets Tablero, liema servizz gie organizzat mis-socjeta' Valletta Frieght Services Limited (Dok A);
>
> Premess li wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fis-16 ta' Jannar, 1992, u inhattet minn fuq il-vapur imsemmi f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, din giet ikkonsenjata lill-importatur b'danni u nuqqasijiet elenkati fid-dokument B;
>
> Premess illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat kif jirrizulta mill-anness dokument;
>
> Premess li l-attur nomine jikkwantifika l-hsara u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija u erbgha u disghin lira (Lm490) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) imhallsa bhala survey fee.
>
> U premess li l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u nuqqasijiet;
>
> TALAB li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:
>
> 1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm494.00.0;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm494 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom;

4. Kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi ;

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine".

**Eccezzjonijiet**

Is-socjeta' Valletta Freight Services Limited bhala agenti Malta ta' Valship S.A., armaturi u proprjetarji tal-vapur Aldo, hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi fl-ewwel lok il-vapur Aldo imsemmi fic-citazzjoni mhux proprjeta' tad-ditta estera Valship S.A. u ghalhekk l-konvenuti nomine gew citati hazin u ghandhom jigu liberati bl-ispejjez.

2. Illi subordinatament u fil-meritu l-eccipjenti nomine m'humiex responsabbli ghad-danni reklamati fil-merkanzija in kwistjoni, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza".

Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited hekk eccepiet ghat-talbiet:-

"1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkazija in kwistjoni giet sbarkata minn gol-Container Nru. GETU 041234/8 bil-hsara kif jirrizulta mit-Tally Report hawn anness;

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi pprovata l-allegata surroga;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha ssir prova, kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegati danni huma ghal kollox esagerati.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess il-konvenuti nomine jissollevaw li ma kienux fi kwalunkwe kaz responsabbli ghal kwalunkwe hsarat u danni allegati u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet hawn annessi.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegati apparti li huma esagerati ma jistghux jigu reklamati stante li m'humiex danni ta' l-assigurat.

7. Illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-6 ta' April 1992 (Citaz. Nru. 112.96 – Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs. Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo)".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza ta' l-24 ta' Gunju, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi rrespingiet it-talbiet attrici kif dedotti billi ddikjarat wkoll liz-zewg socjetajiet konvenuti bhala mhux responsabbli. Il-kap ta' l-ispejjez kellu jithallas mill-attur nomine.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Ikkunsidrat li din hija kawza ghal danni reklamati mis-socjeta' attrici bhala l-assikuratrici tas-socjeta' Carmelo Gauci Limited li mportat f''Malta permezz tal-vapur "Aldo" sitt "pellets" tal-marka Tablero. Il-merkanzija waslet Malta fis-16 ta' Jannar, 1992 u din giet konsenjata lill-importatur fis-27 ta' Jannar, 1992. Ic-citazzjoni gietipprezentata kwazi sena wara, jigifieri fit-13 ta' Jannar, 1993.
>
> L-attur nomine xehed u ppremetta li sofra danni ghas-somma komplessiva ta' Lm494.00 billi fl-ammont hemm ukoll kompriz l-ammont ta' Lm50.00 ghal "survey report" maghmul ad istanza taghha. Ma jidhirx li l-assigurat thallas xi parti minn dana l-ammont u in kwantu l-attur nomine qieghed jagixxi bhala surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu dana l-ammont ma setghax jintalab bil-mod kif formulat fic-citazzjoni u kwindi f'kull kaz l-ammont ta' danni talvolta dovut huwa ta' Lm444.00c u mhux izjed.
>
> Qabel xejn ukoll pero' il-konvenut Jones u Pollacco nomine eccepew li l-vapur "Aldo" m'huwiex proprjeta' ta' Valship S.A. u ghalhekk gew citati hazin. Dwar dan il-punt xehed ukoll Mario Tellus, "operational executive" tas-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited, agenti tal-Valship. Filwaqt li dan ix-xhud sostna li l-vapur mhux ta' Valship S.A.; fl-istess waqt in kontroezami jirrikonoxxi li kemm id-"delivery order" u l-bill of lading inhargu mis-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited u dawna riferibbilment ghall-vapur "Aldo". Minbarra dan, ix-xhud (ara fol. 62) ipprometta li jgib il-prova dwar min sewwa sew huma sid il-vapur pero' baqa' inadempjenti. Per konsegwenza u in kwantu dina l-eccezzjoni ma tirrizultax mill-provi qeghda tigi respinta.
>
> Jirrizulta mill-provi li l-importatur ircieva il-merkanzija mhux ghal kollox fi stat tajjeb. Billi l-attur nomine ma setghax jghid ta' min kienet ir-responsabbilita' harrek sija lit-trasportatur bil-bahar kif ukoll lis-socjeta' responsabbli mill-hatt u hazna <u>pro</u>

tempore tal-merkanzija. Pero', jekk l-attur nomine kien jinsab incert, daqstant iehor baqghet incerta l-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba ghall-konsiderazzjonijiet taghha. Il-funzjoni tal-Qorti hija dik li tezamina u tevalwa l-provi jekk hemm bzonn tiddeciedi anki fuq bazi ta' probabilita' – imma l-probablita' trid tirrizulta mill-provi u mhux tigi dezunta. Diversament ikun xoghol li aktar jispetta lil xi ditektiv. Dan qieghed jinghad ghaliex l-uniku aaccertament assodat kien illi l-merkanzija de quo inhattet biss kaxxa "loose" u b'hames pakketti danneggjati – ara Dok AM – fatt li taht ir-regolamenti tal-Port Nru. 86 ta' l-Ordinanza dwar il-Portijiet jikkaguna u jezonera lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited mir-responsabilita'. Minbarra dan pero' il-"Gate Pass Out" – Dok ED2 a fol. 46 tal-process, iffirmat mir-ricevitur jew l-agent awtorizzat ta' l-importatur f'dan il-kaz il-burdnar R. Cutajar, jindika biss "1 pallet partly damaged". Xi prova hi allura rebus sic stantibus dak li jemergi (mill-provi) mis-survey ta' Noel Ellul maghmul fil-mahzen ta' l-importatur wara li l-merkanzija inharget mill-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited? Kif tista' tigi akkollata responsabilita' fuq is-socjeta' l-ohra versu l-ammont ta' Lm444.00 bazat in parte fuq allegazzjoni li parti mill-merkanzija kienet "total loss"? Jigi inoltre innotat li fl-iskeda tas-survey report – a fol. 8 tal-process – fost hwejjeg ohra s-"surveyor" nizzel li gej:

"Upon release of the consignment, Cargo Handling Company representataives refused to note any exceptions with regard to the slightly damaged bundle on the gate Pass Out even when relative damages were specifically brought to their attention".

Xi prova konkluziva ngiebet mill-attur nomine in sostenn ta' dina l–entrata? Assolutament xejn. Kien hemm okkazzjonijiet f'kazi ohra fejn il-Qorti minkejja dak li jinghad fil-"Gate Pass Out" iddecidiet li l-hsarat tassew kien hemm imma dan ghamlitu meta palesament ikun jidher kollox mill-provi prodotti – li mhux mill-kaz odjern. Din il-Qorti mhix ippreparata li takkolji domandi bhal dawn in dezami fuq suppozizzjonijiet fl-arja".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Minn din is-sentenza appella l-attur nomine. L-aggravju ta' l-attur nomine hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi prodotti. Dawn kienu juru b'mod indiskutibbli li kien irrizulta b'certezza illi l-merkanzija de quo kellha danni ben specifikati billi kienu identifikati 5 pallets u 26 loose packages fil-konsenja in kwistjoni, li minhom kien hemm edgings bi hsara. Hu jissottometti illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tinjora l-prova li saret permezz tat-tally sheet konfermata mir-rapprezentant tas-socjeta' appellata The Cargo Handling Company Limited, liema dokument kien juri li kien hemm "5 pallets and 26 loose of which 5 edgings damaged and one pet. loose". L-attur nomine jaghmel riferenza ghax-xhieda tas-surveyor tad-ditta attrici li rrediga s-survey report li fuqu hi bazata l-azzjoni attrici. Dan xehed: "Jiena flimkien ma' Jean Chetcuti li kien jahdem fl-istess dipartiment tieghi inzilna dak il-hin stess fid-Deep Water Quay u kkostatajna l-fatti, il-hsarat kif hemm elenkati a fol. 7 et seq tal-process". Dan ix-xhud ikkonferma li fis-survey tieghu nizzel id-dettalji kollha precizi ta' x'ra meta nizel fid-Deep Water Quay u ezamina il-merkanzija waqt li din kienet allura taht il-kontroll tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. Identifika wkoll il-problema li kellu mar-rapprezentant

ta' din is-socjeta' meta dan ma riedx inizzel id-dettalji kollha fil-gate pass out, ghalkemm wasal biex nizzet ir-rimarka "one pallet partly damaged".

L-ezami tal-provi kondott mill-attur nomine fir-rikors ta' l-appell iwasslu imbaghad ghall-konstatazzjoni illi l-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata illi s-survey tas-socjeta' attrici kien sar fil-mahzen ta' l-imporatatur, wara li l-merkanzija nharget mill-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, kienet fattwalment skorretta. Dan kien l-element ta' fatt li fuqu l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha. Una volta hu provat li l-apprezzament ta' dan il-fatt kien wiehed skorrett, necessarjament il-konkluzzjoni fis-sentenza appellata kienet ukoll necessarjament zbaljata.

Ir-risposta ghal dan l-aggravju, tista' tghid uniku ta' l-appellant nomine, din il-Qorti tislet dawn ir-reazzjonijiet mis-socjetajiet konvenuti.

a) Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited issostni li mit-tally sheet maghmul mis-socjeta' appellat l-ohra jirrizulta li l-istess merkanzija meta nizlet minn fuq il-vapur u giet allura konsenjata f'idejha tnizzel fir-rimarki "loose pieces tops of which some edging damaged" u wkoll "pallets of which one party damaged". Minn dan jidher car li meta tnizzlet tali merkanzija minn fuq il-vapur, l-istess merkanzija kienet ga bil-hsara, u ghalhekk l-appellati, The Cargo Handling Company Limited,

skond it-tallying regulations ma kienu x responsabbli ghal dawn il-hsarat. Dan peress li t-tally kienet prova li una volta mhux kontestata, kienet tistabilixxi l-istat ta' merkanzija qabel ma tnizzlet minn fuq il-vapur.

b) Mill-banda l-ohra, is-socjeta' l-ohra konvenuta ma taghti l-ebda risposta diretta lil dan l-aggravju. Hi tistrieh, jew ahjar tistahba, wara s-sottomissjoni li ma kienetx saret il-prova rikjesta mil-ligi u mill-gurisprudenza li twassal biex il-gudikant jikkonkludi li l-hsara u/jew nuqqas graw waqt il-garr bil-bahar jew waqt li l-merkanzija kienet ghadha abbord. Jissottometti li kien fatt maghruf illi kien hemm serq sfrenat fid-Deep Water Quay, partikolarment fil-kaz tal-merkanzija bhal dik importata mill-assigurat ta' l-attur appellant.

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti, anke in vista ta' l-allegata kontradizzjoni lampanti, li skond l-attur nomine tinnewtralizza ghal kollox is-sentenza appellata u tirrendiha manifestament ingusta, u jirrizultawlha s-segwenti fatti.;

a) Illi kuntrarjament ghal dak illi irriteniet l-ewwel Qorti, is-survey indipendenti, li fuqu l-attur nomine qed jibbaza t-talba tieghu, sar meta l-merkanzija kienet ghadha fil-port that idejn is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited. Is-surveyor infatti jiddikjara: "On the

27th January, 1992, we were advised by consignees that the above shipment, which was lying at Shed 2 Deep Water Quay, had sustained the damages anywhere requested to conduct a survey prior to the release of the merchandise" (sottolinejar ta' din il-Qorti).

b) Kien waqt dan is-survey li gie konstatat illi kien hemm bundle ta' 26 bicca post-form tops li kien "heavily damaged". Bundle iehor ta' 25 bicca post-form tops li kien "slightly damaged".

c) Illi meta s-socjeta' importatrici giet biex tirtira l-merkanzija is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited kienet irrifjutat illi fil-Gate Pass Out taghmel notamenti fir-rigward tal-bundle li kien slightly damaged, nonostante li dik il-hsara kienet ngabet ghall-attenzjoni tar-rapprezentanti ta' dik is-socjeta'.

d) Meta s-surveyor rega' ezamina l-merkanzija, issa allura fl-imhazen ta' l-importatur, hu seta' jikkonstatata li kien hemm merkanzija li kienet "heaving damaged" and consequently considered a total loss". Dawn kienu 19-il bicca post-form tops minn wiehed mill-bundles, u 4 bicciet post-form tops minn bundle iehor.

e) Skond it-tally sheet redatta mis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, waqt li l-merkanzija kienet qed tigi skarikata

minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll, jirrizulta li anke r-rapprezentant ta' dik is-socjeta' irrimarka illi "tallied 5 pallets and 26 loose, of which 5 edgings damages, one pet. loose". L-istess rimarka tirrizulta fit-tally li saret fl-istess hin mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta l-ohra, Valletta Freight Services Limited. Kienet allura certa l-prova li kien hemm certu ammont ta' hsara fil-merkanzija waqt li din kienet fuq il-vapur u qabel ma giet imnizzla minn fuqu ghal fuq il-moll.

Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi s-socjeta' attrici qed tirreklama biss li sofriet danni konsistenti fi hsarat fil-merkanzija mportata. Mhux qed tirreklama danni minhabba nuqqasijiet. Dan kjarament ifisser li d-difiza tas-socjeta' appellata Valletta Freight Services Limited illi dan kien kaz soltu ta' serq sfrenat meta l-merkanzija tkun that il-kontroll tas-socjeta' konvenuta l-ohra kienet kjarament, almenu fil-kaz taht ezami, insostenibbli.

Jigi notat ukoll illi filwaqt illi l-joint tally sar fl-20 ta' Jannar, 1992, li jfisser li l-merkanzija giet skarikata dak-in-nhar minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll u allura fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, il-Gate Pass Out igib id-data tas-27 ta' Jannar, 1992. Dan ifisser li l-merkanzija ghamlet cirka sitt ijiem f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. F'dawk is-sitt ijiem pero' jirrizulta illi l-merkanzija kienet depozitata fix-shed, allura wiehed jifhem fil-maghluq,

fejn mhux probabbli li setghet aggravat il-hsara li certament il-merkanzija kellha, fil-mument li giet konsenjata lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.

Jigi precizat illi t-tally li sar mis-socjeta' Valletta Freight Services Limited igib id-data 17 ta' Jannar, 1992, allura l-ghada li l-vapur dahal il-port. Ir-rimarki f'din it-tally fir-rigward tal-hsarat, kienu jirrigwardaw mhux biss is-socjeta' assikurata mad-ditta attrici, imma wkoll merkanzija ohra ta' klijenti ohra fl-istess konsenja li kienet ukoll bil-hsara.

Din il-Qorti tqis f'dawn ic-cirkostanzi li dan kien wiehed mill-kazijiet fejn bhala Qorti ta' revizjoni kellha eccezzjonalment tindahal biex tissindika l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti ghax dan ma kienx jirrispekkja r-rejalta' kif tirrizulta mill-provi. Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-hsara riskontrata kienet certament tezisti in parte zgur waqt li l-merkanzija de quo kienet ghadha fuq il-vapur, u allura fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta appellata Valletta Freight Services Limited, u l-probabilita' hi li kienet kollha kagunata fiz-zmien meta din kienet ghadha mghobbija fuq il-vapur. Din il-Qorti tistrieh fuq il-probabilita' ghaliex ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' prova illi l-hsara setghet giet kagunata, jew anke aggravata fiz-zmien meta l-merkanzija giet konsenjata f'idejn is-socjeta' l-ohra The Cargo Handling Company Limited. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar l-attendibilita' tat-tally sheet. Dan hu

ampjament provat. F'din ic-cirkostanzi tistabilixxi l-ezistenza tal-hsara li ghaliha kellha tigi ritenuta responsabbli s-socjeta' Valletta Frieght Services Limited.

Is-socjeta' l-ohra konvenuta The Cargo Handling Company Limited kellha wkoll favur taghha l-fatt li d-danni reklamati kienu esklusivament hsarat fil-merkanzija. Fatt dan li kif inghad, jeskludi responsabilita' ta' pilferage. F'dawn ic-cirkostanzi, fuq bazi ta' probabilita', din il-Qorti hi sodisfatta illi r-responsabilita' ghad-dannu kellha tigi akkollata fuq is-socjeta' Valletta Freight Services Limited. Dana wkoll in vista tal-fatt illi l-Gate Pass Out inhareg f'cirkostanzi fejn ma setghax kien attendibbli jew kredibbli, nonostante r-rimarka li l-merkanzija kellha danni limitati fil-mument tar-rilaxx. Dan qed jinghad fl-iskorta tal-gurisprudenza ormai estensiva li kjarament tillimita l-attendibilita' tal-Gate Pass Out, f'cirkostanzi fejn, kif hu l-kaz taht ezami, l-importatur ikun jirrizulta li effettivament ipprotesta ruhu mar-rapprezentanti tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited talli huma kienu qed jirrifjutaw li jirregistraw hsarat li kienu irrizultaw positivament u anzi kienu, bhal fil-kaz taht ezami, ukoll gew registrati fit-tally sheet.

L-appell tas-socjeta' attrici jimmerita allura li jigi milqugh fil-konfront tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited, imma mhux fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata riformata, fis-sens li qed tigi konfermata fejn illiberat lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited minn kull addebitu, u inkwantu ma laqghetx it-talbiet attrici kontra taghha, u tirrevokaha inkwantu lliberat lis-socjeta' l-ohra Valletta Freight Services Limited nomine minn kull addebitu, u inkwantu cahdet it-talbiet attrici anke kontra din is-socjeta'.

Konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti kontra s-socjeta' Valletta Freight Services Limited u tikkundanna lill-istess socjeta' thallasha s-somma ta' Lm494 likwidati b'din is-sentenza skond kif mitlub fit-tieni talba. L-imghax legali kellhom jibdew jiddekorru mil-lum, waqt li l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta Valletta Frieght Services Limited, hlief dawk tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited li ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur nomine.

Dep/Reg

mm